PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

IMHALLEF

ONOR. DR DAVID SICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

Seduta ta' nhar il-Gimgha, 10 ta' Dicembru,1999.

Numru 12

Citaz. Nru 571/95 DS

Dr. Simon Micallef Stafrace bhala rapprezentant tas-socjeta' Formosa & Camilleri Ltd. u din bhala agenti Malta tas-socjeta' assikuratrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc proprio u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Michael Attard Limited
Vs
Godwin Abela u Alfred E. Aquilina ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited u Josep Apps ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Sea Malta Company Ltd.

Illum, 10 ta' Dicembru 1999

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata  fis-26 ta' April 1995 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta illi:

L-assikurat tal-attur nomine, Michael Attard Limited, importa gewwa Malta fuq il-vapur Pinto konsenja ta' 30 vettura Peugeot li waslu Malta fl-1 ta' Mejju 1994.

Din il-merkanzija giet ikkonsenjata lill-assikurat tal-attur bin-nuqqasijiet u danni spjegati fid-Dok. A.

Ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni bejn l-attur nomine u l-assikurat tieghu hu kellu jindenizza lill-assikurat tieghu tan-nuqqasijiet u danni li gew lilu kawzati u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittjiet tal-istess assikurat.

L-attur nomine jikkwantifika dawn in-nuqqasijiet riportati fil-merkanzija tal-assikurat tieghu fl-ammont ta' hames mija u tlieta u tletin lira u tmenin centezmu (Lm533.80,0) li maghhom jizdied l-ammont ta' mija u ghoxrin lira (Lm120) bhala survey fee ghalhekk danni totali sofferti mill-attur nomine fl-ammont ta' sitt mija u tlieta u hamsin lira u tmenin centezmi (Lm653.80,0).

Il-konvenuti nomine jew min minnhom huma responsabbli ghal dawn id-danni.

talab lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenuti nomine jew min minnhom responsabbli ghad-danni kagjonati fil-merkanzija tal-assikurat tal-attur nomine li ghalihom ghamel tajjeb l-attur nomine;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur nomine fis-somma ta' Lm653.80,0;

3. Tikkundanna lill-konvenuti nomine jew min minnhom ihallsu lill-attur is-somma ta' Lm653.80,0 bhala danni sofferti mill-attur nomine li ghalihom huma responsabbli il-konvenut nomine jew min minnhom.

Bl-ispejjes u interessi legali mid-data tal-pagament indikat fis-surroga fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn premessi, kontra il-konvenut nomine li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Godwin Abela et nomine fejn qalu:

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li s-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd. Ikkonsenjat il-merkanzija "de quo" fl-istess stat li rcevitha u qdiet il-funzjonijiet kollha bid-diligenza rikjesta minnhom mill-ligi.

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandha tigi esebita l-polza ta' assikurazzjoni li a bazi taghha qed jigi allegat li sar il-hlas lill-impurtatur u ghandu jigi esebit ukoll ic-cheque li bih sar il-pagament.

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandu jigi ppruvat kif l-attur wasal ghall-ammont ta' Lm533.80,0 bhala allegati danni.

4. Illi fir-raba lok ai termini ta' l-Artikolu 70 tal-Port Regulations 1966 (Amended by Legal Notice 28/73) li jistipola li "in the case of unit load or unitised cargo, the Director of Ports or his contractor may, subject to the provisions of this regulation, give a receipt for the quantity only of unit loads received from the ship". Unit load skond l-att IX ta' l-1973 inter alia jinkludi "vehicles or trailers rolled on or off a ship". Dan l-artikolu jezemi ovvjament lis-socjeta' konvenuta minn kull risponsabbilita.

5. Illi wkoll a bazi ta' l-Artikolu 90 u Schedule 13, 1966 tali merkanzija l-impurtatur jaf li tinhazen "in the open and always at the sole risk of the owner" u ghalhekk anke f'dan il-kaz is-socjeta' konvenuta mhux responsabbli (Kf 15.11.1993 - Ray Micallef vs Godwin Abela - Citaz. Nru. 1365/84 F - AK. 16.3.92. - Reginald Micallef vs Godwin Abela - Citaz. Nru. 1094/84).

6. Illi fis-sitt lok dwar l-imghax, (1) dan mhux dovut lanqas stante li s-socjeta esponenti ma' giet interpellata thallas ebda ammont determinat (2) qatt ma' giet surrogata li kienet obbligata thallas taht polza ta' assigurazzjoni (3) din tittratta dwar kawza ta' danni u ghalhekk ammont ta' likwidanzi u dan jigi stabbilit biss permezz ta' sentenza u dan iktar u iktar meta s-socjeta' esponenti m'ghandha ebda relazzjoni mas-socjeta' attrici hlief tramite polza. (KAM 4.11.94. J.Gerada vs Godwin Abela - Citaz. Nru. 1275/91)

7. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu rispinti bl-ispejjez kontra l-attur.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Apps nomine fejn qal:

Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li kif jirrizulta mit-tally sheet, is-socjeta' konvenuta kkonsenjat il-merkanzija li

hija kienet garret fl-istat li ircevieta u fit-tally sheet l-unika rimarka li hemm dwar nuqqas ta' item mill-Peugeot Ref: 50757243;

Illi n-nuqqas ta' responsabbilita tas-socjeta' konvenuta stante l-klawsoli tal-ezoneru maghmula ghall-polza tal-karigu hawn esebita u mmarkata Dokument A;

Illi s-socjeta' konvenuta mhux responsabbli ghal survey fees imhallsa mis-socjeta' attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-vertenza tirrigwarda konsenja ta' tletin vettura tal-marka Peugeot li waslu Malta ghas-socjeta' Michael Attard Ltd. Austin Schembri, shipping clerk ma' din is-socjeta', qal (ara affidavit a fol. 53) li fit-3 ta' Mejju 1995 kien nizel Laboratory Wharf biex jara l-konsenja u sab li kien hemm vettura wahda bid-danni u seba' ohra bin-nuqqasijiet. Dawn tnizzlu fil-Gate Pass Out. Huwa qal li dawn in-nuqqasijiet swewlhom Lm533.80 u thallsu din is-somma mis-socjeta' attrici assikuratrici li gew surrogati fid-drittijiet taghhom. Huwa kkonferma l-Gate Pass Out relattiva (Dok. AB a fol. 34 tal-process).

John Borg Bellanti, surveyor mas-socjeta' attrici, stqarr (ara affidavit a fol. 65) li ghamel survey tal-vetturi in kwistjoni u sab in-nuqqasijiet u danni elenkati fid-Dok. A anness mac-citazzjoni a fol. 5. Dawn in-nuqqasijiet swew Lm533.80 li thallsu lill-assikurat. Inoltre huwa thallas Lm120 bhalasurvey fee.

Xehed ukoll Peter Bonello ghas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. li ghamel referenza ghall-Gate Pass Out (Dok. AB) u esebixxa kopja tal-joint tally sheet numru 67424 (li giet immarkata Dok. PB) li tindika xi badges neqsin.

Is-socjeta' konvenuta Sea Malta Co. Ltd. ma pproduciet l-ebda xhud izda fis-27 ta' Novembru 1998 sar verbal quddiem l-assistenta gudizzjarja Dr. M'Dolores Gauci mill-Profs. Ian Refalo li ghamel referenza ghat-tally sheet a fol. 77 tal-process (id-Dok. PB) kif ukoll ghall-istima ta' hsarat esebita mill-atturi a fol. 6 u 7 tal-process (id-Dok. A) u minn hemm jirrizulta li l-unika item nieqsa kienet "one front badge" tal-valur ta' Lm1.91. Ghamel ukoll referenza ghall-polza ta' karigu a fol. 44 tal-process.

Mir-rizultanzi processwali ma jidhirx li l-vetturi in kwistjoni kellhom xi hsarat meta tghabbew fuq il-vapur Pinto li wassalhom Malta fl-1 ta' Mejju 1994. Meta waslu Malta u tnizzlu minn fuq il-vapur sar tally minn rapprezentanti taz-zewg socjetajiet konvenuti u nstab nuqqas wiehed:

- one front badge mill-karrozza bix-chassis no. 50757243.

Ladarba ma ngabitx xiehda li l-karrozzi tghabbew fuq il-vapur b'dak in-nuqqas u nstabet karrozza bil-badge nieqes meta tnizzlu, bilfors li n-nuqqas gara waqt li l-karrozzi kienu f'idejn is-socjeta' konvenuta Sea Malta Company Ltd.

Issa din is-socjeta' qed teccepixxi n-nuqqas ta' responsabbilta' taghha a bazi ta' pattijiet ta' ezoneru fuq il-polza ta' karigu. Apparti l-kwistjoni jekk dawn il-pattijiet jiswewx, ma ngabet l-ebda xiehda li dawn kienu tassew inkorporati fil-ftehim. U stante li ma ngabitx xi prova li turi li n-nuqqas gara minhabba casus, din is-socjeta' konvenuta trid twiegeb ghall-imsemmi nuqqas.

Il-valur tal-badge skond is-survey huwa ta' Lm1.91 u ghandha ghalhekk thallas dan l-ammont lis-socjeta' attrici.

Is-socjeta' konvenuta Sea Malta Co. Ltd. qed teccepixxi wkoll li mhix responsabbli ghal survey fees imhallsa mis-socjeta' attrici. F'dan il-kaz il-Qorti jkollha tilqa' l-eccezzjoni mhux ghax m'ghandhomx jithallsu s-survey fees lis-socjeta' attrici izda, minhabba li l-ammont ta' danni li ghalihom hija responsabbli din is-socjeta' huwa tant minimu "de minimis non curat praetor". Il-Qorti fil-fatt hija tal-fehma li biex tingieb xiehda tajba dwar il-hsara li saret kien xieraq li ssir survey u min jahti ghall-hsara jhallas l-ispejjez mehtiega biex ikun maghruf kemm hija l-hsara.

Billi s-survey sar f'Laboratory Wharf, qabel ma l-karrozzi nghataw f'idejn l-importatur, il-hsarat u nuqqasijiet l-ohra li jidhru fuq is-survey report u anke riportati fil-Gate Pass-Out graw waqt li l-karrozzi kienu f'idejn is-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. In-danni b'kollox skond is-survey kienu ta' Lm533.80 li meta nnaqqsu s-somma ta' Lm1.91 fuq indikat ihalli bilanc ta' Lm531.89 danni li graw waqt li l-karrozzi kienu f'idejn The Cargo Handling Co. Ltd.

Qabel ma naraw jekk din is-socjeta' ghandhiex thallas dawn in-danni, irridu naraw l-eccezzjonijiet taghha:

L-ewwel eccezzjoni li tghid li hija kkonsenjat il-merkanzija fl-istess stat li rcevietha tista' tintlaqa'  biss sa fejn tolqot in-nuqqas li sehh waqt li l-karrozzi kienu f'idejn is-socjeta' konvenuta l-ohra izda mhux sa fejn tolqot il-kumplament tad-danni.

It-tieni eccezzjoni hi michuda peress li x-shipping clerk tas-socjeta' importatrici kkonferma l-pagament minghand is-socjeta' attrici u li din kienet surrogata fid-drittijiet ta' l-importatur.

It-tielet eccezzjoni hi superata ghax il-quantum tad-danni jirrizulta mis-survey report.

Ir-raba' eccezzjoni hi mibnija fuq ir-Regolament 70 tal-Port regulations 1966. Dan ir-regolament ighid biss kif ghandhom jinhargu l-ircevuti u ma jghid xejn dwar helsien minn responsabbilta'. Ghalhekk din l-eccezzjoni ma tghoddx ghall-kaz u hija michuda.

Il-hames eccezzjoni hi mibnija fuq ir-regolament numru 90 li jghid li l-merkanzija tinhazen "in the open and always at the sole risk of the owner". Hawn il-Qorti tirreferi ghas-sentenza moghtija fit-2 ta' Mejju 1989 fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Felice Pace noe vs Godwin Abela noe" (Vol. LXXIII.iv.948) fejn intqal:

"Ir-regolament ma jipprovdix ghar-relazzjoni tal-Cargo Handling u l-importatur, imma jipprovdi ghar-relazzjoni tas-Sovrintendent ma' min jircievi l-ordni ta' l-istess Sovrintendent ....Il-Cargo handling ghandha drittijiet u obbligi versu l-importatur li gedjjin mill-funzjonijiet u l-

attivitajiet li gew akkordati lilha, u fost dawn l-obbligi hemm dak illi jekk ikollha f'idejha merkanzija li ma tistax tahzen, u jkollha zzomm fil-berah, trid thares l-istess merkanzija minn kull hsara li tista' tigrilha minhabba dan il-fatt."

Ghalhekk il-hames eccezzjoni hi michuda wkoll.

L-ahhar eccezzjoni hi dwar imghax. Il-Qorti taqbel ma' dak li ntqal f'sentenza ohra fl-istess ismijiet deciza fit-22 ta' Mejju 1998 (Citaz. 572/95GCD)cioe' li  "ma tarax ghaliex min jikkontesta talba ghalkemm jahti ghall-hsara u ghalhekk izomm f'idejh sakemm iddum il-kawza il-flus li jmissu lil haddiehor, ghandu jkun stmat ahjar minn min jistqarr il-htija tieghu u jhallas mill-ewwel. Min jiehu r-riskju li jikkontesta kawza, u ghalhekk itawwal iz-zmien tal-hlas, ghandu jwiegeb ghall-konsegwenzi kollha tad-dewmien. Id-dejn fil-kaz tallum huwa ta' natura kummercjali u l-imghax ighaddi bla htiega ta' sejha ghall-hlas." L-ahhar eccezzjoni hi ghalhekk ukoll michuda.

Ghal dawn il-motivi tiddisponi mit-talbiet attrici u l-eccezzjonjiet tas-socjetajiet konvenuti billi tikkundanna lis-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. thallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' Lm651.89, kwantu ghal Lm531.89 ghad-danni u Lm120 ghas-survey fees u tikkundanna lis-socjeta' Sea Malta Co. Ltd. thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1.91. L-imghax jithallas skond it-talba. Bl-ispejjz li jithallsu mis-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. filwaqt li dawk tas-socjeta' konvenuta Sea Malta Co. Ltd. jigu sopportati minnha stess.

Grazio Galea
D/Registratur